Pakkett ta' Taħriġ għal Persuni li Jaħdmu maż-Żgħażagħ

**Modulu: L-iddisinjar ta' metodoloġiji ta' ħsieb u worksheets prattiċi għal persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ**

WERREJ


1. INTRODUZZJONI
2. OBJETTIVI TA' TAGĦLIM
3. REFERENZI GĦAL POLITIKI TAL-UE
4. L-I KAPITLU: L-Iddisinjar tal-Ħsieb fil-Ħidma maż-Żgħażagħ
    4.1. X'inhu l-Iddisinjar tal-Ħsieb?
    4.2. L-Irwol ta' Persuni li Jaħdmu maż-Żgħażagħ fit-Tisħiħ taż-Żgħażagħ
    4.3. Il-Benefiċċji tal-Applikazzjoni tal-Iddisinjar tal-Ħsieb fix-Xogħol maż-Żgħażagħ
5. IT-II KAPITLU: Il-Proċess tal-Iddisinjar tal-Ħsieb
    5.1. Empatizza: Ifhem il-Bżonnijiet u l-Isfidi taż-Żgħażagħ
    5.2. Iddefinixxi: Il-Qafas tal-Problema u l-Ħolqien ta' Għanijiet
    5.3. Il-Ħolqien tal-Ideat: Il-Brainstorming ta' Soluzzjonijiet Kreattivi
6. It-III KAPITLU: Worksheets Prattiċi għall-Iddisinjar tal-Ħsieb fil-Ħidma maż-Żgħażagħ
    6.1. Worksheet: L-Immappjar tal-Empatija għall-Fehim tal-Perspettivi taż-Żgħażagħ
    6.2. Worksheet: Il-Formulazzjoni tad-Dikjarazzjoni tal-Problema
    6.3. Worksheet: Il-Ġenerazzjoni tal-Ideat u Brainstorming
7. SOMMARJU/KONKLUŻJONIJIET
8. REFERENZI

# 1. INTRODUZZJONI

F'dan il-modulu se ssib informazzjoni dwar l-iddisinjar tal-ħsieb għal persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ. L-iddisinjar tal-ħsieb sar popolari f'dawn l-aħħar snin minħabba l-approċċ innovattiv u minn isfel għal fuq tiegħu, li xi nies iqisuh bħala għodda utli biex jagħmlu użu minnu f'sitwazzjonijiet kumplessi fejn ma jidhirx li hemm soluzzjoni għal problema. Sija għal dawk li jfasslu l-politika u sija għal persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ, l-iddisinjar tal-ħsieb huwa teorija iżda wkoll sett t'għodda prattiċi li jistgħu jgħinu fil-fehim u d-definizzjoni ta' problema, qabel il-ħolqien tal-ideat u l-attentat li wieħed isib soluzzjonijiet.

L-iddisinjar tal-ħsieb jinkoraġġixxi lin-nies biex ikollhom moħħ miftuħ u spirtu kreattiv peress li ħafna mix-xogħol isir fuq il-fehim tal-problema ta' persuna, is-sitwazzjoni u l-kuntest tagħhom, u l-attentat biex tinstab soluzzjoni possibbli. Il-fehim huwa l-ewwel pass, li jiġi segwit b'li wieħed jagħti struttura ta' diversi fażijiet: tosserva, tiddefinixxi, toħloq l-ideat, il-prototipi, tittestja, u tirrifletti. Sabiex tagħmel dan, hemm diversi għodda li tista' tuża, b'uħud minnhom ikunu mniżżla b'mod sommarju f'dan il-modulu; madankollu, aħna nistednuk biex ikollok toolbox aktar vasta meta tapplika l-iddisinjar tal-ħsieb fix-xogħol tiegħek maż-żgħażagħ.

Ix-xogħol maż-żgħażagħ jista' jsib utilità fl-iddisinjar tal-ħsieb għaliex huwa ċċentrat mal-bniedem, xi ħaġa li għandha tgħin lill-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ sabiex ikollhom liż-żgħażagħ fiċ-ċentru tal-ħidma tagħhom. Dan huwa importanti minħabba l-irwol kruċjali tal-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ fejn jidħol it-tisħiħ taż-żgħażagħ, li jistgħu jagħmlu billi jappoġġjawhom, jisimgħuhom, jagħtu importanza lill-isfidi u l-mistoqsijiet tagħhom, u jiggwidawhom f'sitwazzjonijiet kumplessi. Aħna nittamaw li dan il-modulu u din l-introduzzjoni qasira għall-iddisinjar tal-ħsieb għal persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ tkun ispiranti u tiftaħ bieb għal qafas ġdid għall-ħidma maż-żgħażagħ.

## 2. OBJETTIVI TA' TAGĦLIM

L-objettivi ta' tagħlim ta' dan il-modulu huma dawn li ġejjin:

- Li ssir familjari mal-kunċett tal-iddisinjar tal-ħsieb
- Li titgħallem id-definizzjoni tad-disinjar tal-ħsieb u l-fażijiet tagħha
- Li titgħallem kif l-iddisinjar tal-ħsieb jista' jiġi applikat minn persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ
- Li tirrifletti fuq l-irwol tal-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ vis-à-vis it-tisħiħ taż-żgħażagħ
- Li tkun taf dwar ir-relazzjoni bejn it-tfassil tal-politika u l-iddisinjar tal-ħsieb
- Li tifhem il-benefiċċji li tapplika l-iddisinjar tal-ħsieb fil-ħidma maż-żgħażagħ
- Li jkollok worksheets prattiċi lesti għall-użu maż-żgħażagħ
- Li tara eżempji tal-iddisinjar tal-ħsieb fil-ħidma maż-żgħażagħ
- Li jkollok għodda u ispirazzjoni biex tuża l-iddisinjar tal-ħsieb fil-ħidma maż-żgħażagħ

## 3. REFERENZI GĦAL POLITIKI TAL-UE

Għal ħafna li jaħdmu fil-qasam tal-politiki, l-iddisinjar tal-ħsieb jikkostitwixxi approċċ minn isfel għal fuq fejn id-distakk bejn id-disinjaturi u ċ-ċittadini jitnaqqas permezz ta' deċiżjonijiet li huma infurmati u ġieli anke mmexxija minn dawk li huma affettwati bil-politiki. Dan il-fok parteċipatorju tad-disinn jiġbed mill-kunċett demokratiku fejn dawk 'kollha affettwati b'deċiżjonijiet ta' disinn għandhom ikunu involuti fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet'. Partikolarment, l-iżvilupp ta' approċċi aktar kollaborattivi li jinvolvu netwerks ta' diversi atturi ta' partijiet interessati privati u pubbliċi jitqies bħala essenzjali f'dan ir-rigward.

Meta attentati konvenzjonali biex tissolva problema jfallu, hemm bżonn ta' enfasi fuq dekostruzzjoni tal-problema kif din tiġi l-ewwelnett ippreżentata qabel din tiġi solvuta. Għal dawn ir-raġunijiet, dawn li jappoġġjaw dawn l-approċċi jgħidu li l-applikazzjoni ta' approċċi tal-iddisinjar tal-ħsieb jgħinu fil-ħolqien tal-ġenerazzjoni ta' 'mudell tat-teħid tad-deċiżjonijiet kompletament differenti għall-politiki.'

L-iddisinjar tal-ħsieb, ikkunsidrat hawnhekk bħala kreazzjoni parallela ta' oġġett u l-mod ta' ħidma tagħha, timbotta t-teħid ta' deċiżjonjiet fil-politika lejn 'forma fundamentalment kreattiva ta' deliberazzjoni li topera b'proċessi ta' deċiżjonijiet differenti għal dawk ta' għażliet razzjonali'. Din timplika approċċ iterattiv u li 'jikkoreġi lilu nnifsu' għat-tfassil tal-politiki u li jipproċedi minn proċessi mwaħħda ta' tfassil tal-ambiti, ta' definizzjonijiet, u ta' vviżjonar mill-ġdid tal-problemi; barra minn hekk tinvolvi wkoll il-ħolqien tal-ideat, tal-prototipi, tal-ittestjar tas-soluzzjonijiet, kif ukoll li wieħed jitgħallem billi jagħmel. In-natura iterattiva tat-tfassil tal-politika, minn punto di vista tal-iddisinjar tal-ħsieb, ġejja milli wieħed iħares lejn il-proċess tal-iddisinjar bħala approċċ ta' minn isfel għal fuq vis-à-vis l-attent li wieħed isolvi problemi—proċess li jinvolvi ċertu logħob, kreattività, u anke, ġieli, nuqqas ta' loġika.

Waħda mill-aktar modijiet importanti kif l-iddisinjar tal-ħsibijiet qiegħed jiġi attwalizzat fil-prattika fi ħdan sistemi politiċi hu permezz tal-firxa tal-laboratorji tal-PSI. FL-2016, kien stmat li kien hemm aktar minn 60 laboratorju tal-innovazzjoni tal-politiki pubbliċi fi ħdan il-membri tal-UE waħidhom, filwaqt li oħrajn stmaw li, madwar id-dinja, hawn madwar 100 laboratorju tal-PSID li ġew stabbiliti fuq diversi livelli tal-gvern, b'laboratorji ġodda jiġu maħluqa b'rata ta' 'tal-anqas wieħed fix-xahar'.

Madankollu, l-iddisinjar tal-ħsieb għadu 'l bogħod milli jkun parti speċifika minn politiki tal-UE attwali. Li wieħed jista' jsib huma approċċi simili f'inizjattivi differenti innovattivi fost l-UE u membri stati tal-UE li jippruvaw isibu modijiet aktar effettivi tat-teħid tad-deċiżjonijiet.

## 4. L-I KAPITLU: L-Iddisinjar tal-Ħsieb fix-Xogħol maż-Żgħażagħ

### 4.1. X'inhu l-Iddisinjar tal-Ħsieb?

L-iddisinjar tal-ħsieb huwa proċess innovattiv mhux lineari li jista' jintuża sabiex wieħed jifhem sitwazzjonijiet kumplessi, biex jisfida assunzjonijiet, biex jirridefinixxi problemi, u biex joħloq soluzzjonijiet innovattivi għal skopijiet ta' prototipi u ttestjar. Din tinvolvi ħames fażijiet—Tempatizza, Tiddefinixxi, Toħloq l-Ideat, il-Prototipi, u l-Ittestjar—u hi l-aktar utli biex taffaċċja problemi li mhux definiti sew jew mhux magħrufa.

F'dinja li aktar ma jmur aktar tinbidel, huwa kruċjali li wieħed jiżviluppa u jirfina ħiliet biex jifhem u jindirizza bidliet rapidi fl-ambjenti u l-imġieba tan-nies. Id-dinja saret dejjem aktar interkonnessa u kumplessa minn meta x-xjentist konjittiv u rebbieħ tal-Premju Nobel Herbert A. Simon kien semma l-iddisinjar tal-ħsieb fil-ktieb tiegħu ppubblikat fl-1969, *The Sciences of the Artificial*, fejn kien ukoll ikkontribwixxa ħafna ideat għall-prinċipji tiegħu. Professjonisti minn diversi oqsma, inkluż dik tal-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ, sussegwentament avvanza dan il-proċess pjuttost kreattiv biex jindirizzaw bżonnijiet umani f'era moderna. Organizzazzjonijiet tas-seklu wieħed u għoxrin minn diversi oqsma jsibu l-iddisinjar tal-ħsieb bħala mezz ta' valur biex isolvu l-problemi għall-utenti tal-prodotti u servizzi tagħhom. Timijiet ta' disinn jużaw l-iddisinjar tal-ħsieb sabiex jaffaċċjaw problemi kumplessi għaliex jistgħu jerġgħu jivviżjonaw mill-ġdid dawn il-problemi b'mod li l-bniedem ikun fiċ-ċentru tagħhom u jiffukaw fuq x'inhu l-aktar importanti għan-nies. Mill-proċessi ta' disinjar kollha, l-iddisinjar tal-ħsieb huwa kważi ċertament l-aħjar wieħed biex wieħed "jaħseb barra mill-kaxxa". Permezz tiegħu, persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ jistgħu jkunu aħjar maż-żgħażagħ, u jifhmu, ifasslu, u joħolqu ideat ġodda biex jilqgħu għall-bżonnijiet tagħhom.

Punt ta' tluq tajjeb biex wieħed jifhem l-approċċ tal-iddisinjar tal-ħsieb huwa li wieħed jivviżjona lilna nfusna b'tali mod li għandna moħħ ta' xi ħadd li għadu jibda—"a beginner's mind". B'dan il-"beginner's mind", aħna rridu ninkoraġġixxu n-nies biex isaqsu mistoqsijiet bħallikieku m'għandhom l-ebda idea tat-tweġiba. Bħal aljen mill-ispazju li jinżel f'wiċċ id-dinja għall-ewwel darba u jsaqsi għala nitfgħu l-plastik fil-baħar, naħdmu matul il-jum u norqdu bil-lejl, għala nilbsu ingravajjet għar-ritwali kollha tagħna li jidhru tant strambi għall-barrani, jew bħal li wieħed ifittex għall-bajd fi żmien l-Għid.




**How we behave in order to apply design thinking successfully:**

- We bid farewell to prejudices on "how things work."
- We put aside expectations about what will happen.
- We strengthen our curiosity to understand facts and problems in depth.
- We open ourselves up to new possibilities.
- We ask simple questions.
- We try things out and learn from it.

## 4.2. L-Irwol ta' Persuni li Jaħdmu maż-Żgħażagħ fit-Tisħiħ taż-Żgħażagħ

L-għan ewlieni tal-ħidma maż-żgħażagħ hu li jiġu mgħejjuna ż-żgħażagħ biex jiżviluppaw b'mod olistiku u biex jiffaċilitaw l-iżvilupp personali, soċjali, u edukazzjonali tagħhom, sabiex b'hekk jiżviluppaw leħinhom, l-influwenza, u l-post tagħhom fis-soċjetà, u biex jilħqu l-potenzjal tagħhom.

It-tisħiħ taż-żgħażagħ ifisser li tinkoraġġihom biex jieħdu r-riedni f'ħajjithom. Illum, żgħażagħ fost il-komunitajiet tagħna qed jaffaċċjaw diversi sfidi u l-ħidma maż-żgħażagħ f'kull forma tagħha tista' sservi ta' katalist għat-tisħiħ. Billi jaħdmu biex isaħħu liż-żgħażagħ, persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ jistgħu jiffukaw fuq il-ħiliet u l-potenzjal taż-żgħażagħ biex jagħmlu l-affarijiet li hemm bżonn, kif ukoll jagħtu liż-żgħażagħ il-ħin biex jaqsmu l-veduti u l-opinjonijiet tagħhom dwar l-interessi u l-isfidi tagħhom.

Dawk li jaħdmu maż-żgħażagħ jistgħu jsaħħu liż-żgħażagħ b'ħafna modi, li jistgħu jinkludu li jinvolvuhom f'attivitajiet differenti soċjali u ta' rilassament. Billi jużaw approċċ kollaborattiv u jinvolvu liż-żgħażagħ u l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ, persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ jistgħu jieħdu rwol attiv fil-komunitajiet, li jista' jfisser li jqumu għad-drittijiet tagħhom, li jitkellmu dwar dak li jagħmlu u dak li ma jogħġobhomx, u li jirreaġixxu għal sitwazzjonijiet mhux ġusta.

Mod ieħor kif jissaħħu ż-żgħażagħ jiġi id f'id mal-figura tal-mentor: xi ħadd li jista' jiggwida liż-żgħażagħ u jgħinhom jinnavigaw l-isfidi li jaffaċċjaw. Il-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ jistgħu jiggwidaw liż-żgħażagħ u jifhmu t-tħassib tagħhom sabiex ikunu jistgħu jagħmlu pass 'il quddiem sabiex jibdew joħolqu l-bidla li hemm bżonn fil-komunitajiet tagħhom.

Sabiex iwettqu l-irwol ta' xi ħadd li jinvolvi u jkun ta' gwida għaż-żgħażagħ, persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ għandhom bżonn ħila li jisimgħu b'saħħitha. Billi wieħed jisma' attivament x'qed jgħidu ż-żgħażagħ, dak li kapaċi qed iħassibhom, jew dak li qed isibu diffiċli biex jifhmu, persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ jistgħu jagħtu liż-żgħażagħ l-opportunità biex jitkellmu u jinstemgħu. Din hija importanti ferm fi żmien fejn in-nies qed jgħixu ħajja mgħaġġla ferm, bla ebda ħin biex jieqfu u jisimgħu lil xulxin. Meta ż-żgħażagħ jiġu mismugħa b'rispett, l-opinjonijiet tagħhom u kif iħossuhom jiġu validati u rispettati. Jekk iż-żgħażagħ iħossuhom li għandhom opinjonijiet u dak li jħossu bħala xi ħaġa valida, mela mbagħad ikunu jistgħu jirriflettu, jitkellmu, u jaġixxu fuqhom b'attitudni proattiva.

Finalment, huwa importanti li wieħed isemmi l-ħidma maż-żgħażagħ bħala ħidma ta' gwida għaż-żgħażagħ sabiex dawn jiskopru x'verament iħobbu. Li wieħed jifhem x'inhi l-passjoni tiegħu, speċjalment f'età bikrija, kapaċi tkun diffiċli ferm. Persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ għandhom rwol kruċjali biex jgħinu liż-żgħażagħ jifhmu dak li jogħġobhom u li jixtiequ jsegwu. Iż-żgħażagħ normalment jirċievu ħafna pariri mill-ġenituri u l-għalliema li mhux neċessarjament jorbot ma' dak li għandhom bżonn. Huwa importanti li wieħed iħalli liż-żgħażagħ ikollhom spazji fejn ma jħossuhomx iġġudikati u fejn jistgħu jesploraw dak li jogħġobhom. Meta ż-żgħażagħ jingħataw l-għodda biex iħaddnu l-passjonijiet tagħhom, huma jsiru produttivi ferm u jikkontribwixxu għall-bini ta' komunitajiet aktar siguri.

### 4.3. Il-Benefiċċji tal-Applikazzjoni tal-Iddisinjar tal-Ħsieb fil-Ħidma maż-Żgħażagħ

Il-benefiċċji li tapplika l-iddisinjar tal-ħsieb fil-ħidma maż-żgħażagħ ġejjin minn xi fatturi ta' suċċess u propożizzjonijiet ewlenin tal-iddisinjar tal-ħsieb, li jagħmluhom għodda b'saħħithom biex jintużaw maż-żgħażagħ.

- Li tibda mill-bnedmin: iż-żgħażagħ, bil-bżonnijiet, sitwazzjonijiet, u possibbiltajiet tagħhom, huma fiċ-ċentru tal-iddisinjar tal-ħsieb. Din tmur id f'id mal-proċess tat-tisħiħ deskritt aktar kmieni fejn il-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ jinvolvu ruħhom, jisimgħu, iservu ta' mentors, u jifhmu liż-żgħażagħ.

- Fl-iddisinjar tal-ħsieb, huwa t'importanza kruċjali li tifhem fuq xiex naħdmu u liema viżjoni ikbar għandha tiġi segwita. Sabiex taħdem maż-żgħażagħ u tgħinhom ifittxu soluzzjonijiet għall-isfidi tagħhom, il-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ jistgħu jużaw l-iddisinjar tal-ħsieb u l-approċċ profonda tagħha għall-problemi. Sabiex tinstab soluzzjoni, il-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ iridu jkunu internalizzaw il-problema u fehmu l-profondità tagħha. Din tgħinhom biex ikunu jistgħu jiggwidaw u jappoġġjaw liż-żgħażagħ.

- Il-kollaborazzjoni bejn persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ hija kruċjali għall-kunsinderazzjoni olistika tad-dikjarazzjonijiet tal-problemi. Il-ħidma maż-żgħażagħ tista' tibbenefika minn timijiet b'ħiliet u esperjenzi differenti li jistgħu jgħinu fil-proċess kreattiv u fir-riflessjoni fuq l-ideat. Dan l-approċċ kreattiv u olistiku jista' jgħin biex ikun hemm perspettivi differenti fuq problema, li tista' wkoll tgħin biex wieħed jifhem kif għandu jindirizzaha.

- L-iddisinjar tal-ħsieb tinvolvi approċċ prattiku b'saħħtu li tiġi wara li wieħed jifhem u joħloq ideat-soluzzjonijiet għal kwalunkwe problema in kwistjoni. Il-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ jistgħu jibbenefikaw minn dan l-approċċ li m'għandux bżonn ħafna teorija tqila biex jaħdem u li jista' joffri l-possibbiltà li wieħed jipprova soluzzjonijiet sempliċi differenti maż-żgħażagħ (e.ż. il-bini ta' prototipi u interazzjoni ma' utenti potenzjali).

- Xi dikjarazzjonijiet ta' problemi huma pjuttost kumplessi peress li rridu nintegraw sistemi differenti u nirreaġġixxu għal avvenimenti b'mod rapidu u b'sens ta' skop. Il-ħsieb fis-sistemi qiegħed isir aktar u aktar ħila essenzjali, bħal per eżempju f'każijiet ta' soluzzjonijiet diġitali.


Reflection
Customers/users
Points of view
Value proposition
Prototypes and testing
Problems
Ideas
Business models
Solutions

5. It-II KAPITLU: L-Iddisinjar tal-Proċess tal-Ħsieb

5.1. Empatizza: Il-Fehim tal-Bżonnijiet u l-Isfidi taż-Żgħażagħ




Il-proċess tal-iddisinjar tal-ħsieb jista' jiġi organizzat f'sitt fażijiet: **ifhem, osserva, iddefinixxi punto di vista, oħloq l-ideat, iżviluppa prototip, u ttestja**. Fl-aħħarnett, nistgħu nżidu l-fażi ta' riflessjoni, li normalment hi kruċjali sabiex titgħallem mill-proċess. F'din is-sezzjoni nixtieqand li nispjegaw fil-qosor it-tliet fażijiet ta' dan il-mikroċiklu. F'dan il-mudell hekk imsejjaħ djamant doppju tal-Kunsill tal-Iddisinjar Brittaniku, l-ewwel tliet fażijiet ikopru l-ispazju problematiku u t-tlieta ta' wara l-ispazju tas-soluzzjoni.

**Ifhem**

Fl-ewwel fażi tal-mikroċiklu tal-iddisinjar tal-ħsieb, aħna rridu nitgħallmu dwar il-persuni żgħażagħ, il-bżonnijiet tagħhom, u l-inkarigi li jridu jlestu. Fl-istess waqt, aħna niddefinixxu l-qafas kreattiv b'mod aktar eżatt u għal-liem irridu niddisinjaw soluzzjonijiet. Għad-definizzjoni tal-isfida, aħna nużaw, per eżempju, mistoqsijiet tal-"GĦALA" u l-"KIF" sabiex inwessgħu jew nillimitaw l-ambitu.

**Osserva**

Ir-realtà biss tista' turi jekk l-assunzjonijiet tagħna hux ħa jiġu kkonfermati. Dan hu għala rridu mmorru fil-post fejn iż-żgħażagħ potenzjali tagħna jinsabu. Irridu nsaħħu l-osservazzjoni taż-żgħażagħ fl-ambjent veru tagħhom jew fil-kuntest tal-problema rispettiva tagħhom. Xejra fl-analiżi tista' titfa' dawl fuq ix-xejriet teknoloġiċi u soċjali li jgħinuna nirrikonoxxu l-iżviluppi. Is-sejbiet tagħna mill-fażi tal-"osservazzjonijiet" jgħinuna fil-fażi li jmiss biex niżviluppaw jew intejbu il-persuna u l-punto di vista. Meta nitkellmu maż-żgħażagħ sabiex nitgħallmu aktar dwar il-bżonnijiet tagħhom, aħna għandna nsaqsu mistoqsijiet li huma miftuħa kemm jista' jkun, u naħdmu, per eżempju, b'pajsaġġ ta' mistoqsijiet. Intervista strutturata kapaċi tkun utli f'dan ir-rigward.

5.2. **Iddefinixxi**: Il-Qafas tal-Problem u l-Ħolqien tal-Għanijiet

F'din il-fażi se niffukaw fuq l-evalwazzjoni, l-interpretazzjoni, u l-kejl tas-sejbiet li ħa nkunu ġbarna. Ir-riżultat eventwalment jimraħ fis-sintesi tar-riżultat (punto di vista).

Ir-rakkuntar tal-istejjer u l-immappjar tal-kuntesti huma metodi li jistgħu jintużaw għall-preżentazzjoni tas-sejbiet:

- L-immappjar tal-kuntest: sabiex takkwista stampa aħjar ta' sitwazzjoni partikolari. Kif inhuma dawn l-esperjenzi għal oħrajn? Meta jgħaddu minn din l-esperjenza? Ma' min u f'liema kuntest? Din tista' tintuża biex timmappja l-informazzjoni miġbura b'mod viżwali sabiex tifhimha aħjar fl-intier tagħha.
- Ir-rakkuntar tal-istejjer: sabiex tippreżenta għarfien, ideat, u soluzzjonijiet lil membri ta' tim. Huwa wkoll utli li titfa' dawl fuq riżultati mhux mistennija u li tiġġenera perspettivi ġodda.

Il-punto di vista normalment tiġi fformulata bħala sentenza, "Kif forsi nistgħu…", per eżempju, sabiex tagħmel dikjarazzjoni fuq il-bażi tas-sejbiet. Din tgħin biex tifformula mistoqsija li tagħmilha possibbli aktar tard, fil-fażi tal-ħolqien tal-ideat, biex taħdem b'mod aktar iffukat. Il-mistoqsija ta' "kif nistgħu" tuża lingwaġġ speċjali li jista' jgħin li wieħed jibdel għal mod ta' ħsieb ieħor. Il-"kif" timplika li hemm aktar minn possibbiltà waħda biex issolvi l-mistoqsija. Il-"forsi" toħloq spazju sigur li fih nafu li idea potenzjali tista' taħdem. Il-"nistgħu" tfakkarna li rridu nsolvu l-problema bħala tim. Huwa utli li tiġġenera diversi mistoqsijiet. Per eżempju: kif nistgħu ngħinu grupp taż-żgħażagħ joħloq konnessjoni mal-ambjent?

Dawn il-linji gwida kapaċi jkunu utli biex tibda:

| | |
|---|---|
| Isem tal-persuna (MIN): | |
| Bżonnijiet (X'INHU l-bżonn): | |
| Sabiex (Tir, għan): | |
| Għaliex (GĦALA): | |

5.3. **Il-Ħolqien tal-Ideat**: Il-Brainstorming ta' Soluzzjonjiet Kreattivi

Ladarba nkunu ddefinixxejna punto di vista, il-fażi tal-ħolqien tal-ideat tibda. Il-ħolqien tal-ideat huwa pass lejn it-tfittxija tas-soluzzjonijiet għall-problema tagħna. Normalment, forom differenti ta' brainstorming u tekniċi speċifiċi ta' kreattività jgħinu biex l-ideat jintgħażlu u jinġabru fi gruppi, bħal tfittxija għal analoġiji u dot voting.

Il-fażi tal-ħolqien tal-ideat hija essenzjali għall-innovazzjoni. Hi toffri liż-żgħażagħ l-opportunità li jieħdu r-riċerka u l-fehim kollu tagħhom dwar spazju problematiku u jwaħħduh ma' immaġinazzjoni biex joħolqu soluzzjonijiet li kapaċi jkollhom bżonn iż-żgħażagħ. Mhijiex biss dwar li wieħed jiskopri r-risposta t-tajba—hija wkoll dwar l-esplorazzjoni ta' possibbiltajiet sabiex tkun tista' tagħżel diversi toroq vijabbli hekk kif il-vjaġġ tiegħek jipprogressa.

Il-ħolqien tal-ideat jippermetti lill-ħassieb tad-disinjar li jmur lil hinn mis-soluzzjonijiet ovvji u biex jiskopri possibbiltajiet kreattivi biex jiskopri l-aktar għażla adattata.

Matul il-ħolqien tal-idea, aħna nesperimentaw ma' tekniċi kreattivi biex noħolqu rotot ġodda għall-innovazzjoni. Aħna nilgħabu mal-ixkiel, nerġgħu nfasslu mill-ġdid l-isfida, nirriservaw il-ġudizzju tagħna, u nibnu fuq l-idea ta' xulxin.

Wara l-fażi tal-ħolqien tal-ideat, il-passi li jmiss ikunu:

- **Prototip**: Il-bini tal-prototipi jgħinna biex nittestjaw l-ideat jew is-soluzzjonijiet tagħna, bl-għaġġla u mingħajr riskju, man-nies li qed naħdmu magħhom. Din tista' ssir online bi stħarriġ jew kwestjonarji fuq il-midja soċjali, jew fiżikament permezz ta' konsultazzjonijiet, gruppi ta' fokus, jew intervisti.

- **Test**: L-ittestjar għandu jsir wara l-bini ta' kull prototip. Waqt l-ittestjar, l-aktar ħaġa importanti hija li l-interazzjoni mal-utent potenzjali eventwalment isseħħ u li niddokumentaw ir-riżultati. Dan it-test jipprovdilna feedback li jgħin fit-titjib tal-prototipi tagħna.

- **Irrifletti**: Wara ċ-ċiklu tal-iddisinjar tal-ħsieb, għandna nqattgħu xi ħin fuq il-fażi tar-riflessjoni biex nevalwaw il-proċess. Din tista' ssir permezz ta' sessjoni biex nakkwistaw feedback mill-partijiet involuti, iżda wkoll bi kwestjonarju jew grupp ta' fokus. L-għan huwa li niskopru x'ħadem u x'ma ħadimx sabiex intejbu ċ-ċikli tal-iddisinjar tal-ħsieb futuri.



## 6. It-III KAPITLU: Worksheets Prattiċi għall-Iddisinjar tal-Ħsieb fil-Ħidma maż-Żgħażagħ

### 6.1. Worksheet: L-Immappjar tal-Empatija għall-Fehim tal-Perspettivi taż-Żgħażagħ

X'inhu l-immappjar tal-empatija? Din tikkonsisti f'erba' kwadranti mpoġġija fuq bord, karta, jew mejda li jirriflettu l-erba' karatteristiċi ewlenin li ż-żgħażagħ juru matul intervisti jew konverżazzjonijiet profondi fil-fażi tal-fehim.

L-erba' kwadranti jirreferu għal dak li ż-żgħażagħ: *Qalu, Għamlu, Ħasbu, u Ħassew*. Li tiddermina x'qalu u x'ħasbu hi relattivament faċli; però, li tiddetermina x'ħasbu u ħassew hija bbażata fuq osservazzjoni bir-reqqa ta' kif aġixxew u rrispondew għal ċertu attivitajiet, suġġerimenti, konverżazzjonijiet, eċċ. (inkludi ħjiel sottili bħal-lingwaġġ tal-ġisem muri u t-ton tal-vuċi użat).

X'tista' tagħmel b'din l-għodda? Ibni fuq fehim b'saħħtu tal-bżonnijiet tal-utenti, l-emozzjonijiet, il-motivazzjonijiet, u l-modijiet ta' ħsieb. Akkwista għarfien li kien jibqa' moħbi f'kunsiderazzjoni superfiċjali (e.ż. il-frustrazzjoni ta' żagħżugħ u l-mottivi aktar profondi).

Meta għandek tuża din l-għodda? Din l-għodda normalment tintuża fl-istadji bikrija taċ-ċiklu tal-iddisinjar tal-ħsieb sabiex tifhem il-kuntest li fih persuna żagħżugħa taġixxi. Hemm biss jista' mbagħad jibda l-iżvilupp ta' soluzzjoni.




X'inhu l-pass li jmiss? Wara l-immapjar tal-empatija, l-informazzjoni miġbura trid tinqasam mat-tim sabiex jibdew il-preparamenti għall-fażijiet ta' osservazzjoni u definizzjoni.

### 6.2. Worksheet: Il-Formolazzjoni tad-Dikjarazzjoni tal-Problema

Dikjarazzjoni ta' problema hija deskrizzjoni qasira ta' problema speċifika li trid tiġi solvuta. Tintuża biex tgħin lil timijiet jifhmu l-problema sabiex jaħdmu sabiex isolvuha.

Dikjarazzjoni ta' problema tajba titfa' dawl fuq id-distakk ta' fejn qiegħed għal fejn tixtieq tasal. Meta persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ jixtiequ jgħinu liż-żgħażagħ biex isolvu xi kwistjoni jew itejbu xi sitwazzjoni, dikjarazzjoni ta' problema tgħidihlom x'hemm ħażin u x'hemm bżonn li ssir ħidma fuqu. Din tippermettilek li toħloq l-ideat b'mod orjentat madwar l-għanijiet.

Id-dikjarazzjoni tal-problema tiġbor fiha l-viżjoni tad-disinn tiegħek billi tiddefinixxi l-isfida adegwata biex tindirizza fis-sessjonijiet tal-ħolqien tal-idea. Tinvolvi t-tfassil mill-ġdid ta' sfida ta' disinjar f'dikjarazzjoni ta' problema li tista' tiġi attwata. Tista' tuża din l-għodda billi tikkombina l-għarfien tiegħek dwar iż-żgħażagħ li qed taħdem magħhom, il-bżonnijiet tagħhom, u l-għarfien tagħhom li sirt taf fil-fażi ta' fehim u osservazzjoni. Din għandha tgħinek biex timxi għall-fażi tal-ħolqien tal-ideat.

Dikjarazzjoni ta' problema m'għandiex tgħidlek kif issolvi problema jew kif għandha tkun l-approċċ tiegħek biex issolvi l-problema; sempliċiment tgħidlek x'inhi l-problema. Jekk hija problema kbira u kkumplikata, li tikteb dikjarazzjoni ta' problema itwal u aktar deskrittiva hija normali. Jekk tkun problema żgħira u sempliċi, sentenza jew tnejn jabbastaw.

Jekk id-dikjarazzjoni ta' problema hi diffiċli biex tinftiehem, ma tistax tissolva b'mod tajjeb. Jista' jkun li tispiċċa ssolvi l-problema ħażina, allura żomm f'moħħok biex tirrevedi l-eżiti tal-għodda sabiex tiżgura li ġġib ir-riżultati li għandek bżonn. Dikjarazzjoni ta' problema tajba hija wiesgħa biżżejjed li tħallik taħseb fuq ħafna ideat u direzzjonijiet differenti, kif ukoll dejqa biżżejjed biex tiffoka fuq x'inhu importanti u tibqa' fit-triq it-tajba.

**Problem Statement Template**

| | |
|---|---|
| **Who?** | Who has the problem... |
| **What?** | What is the problem... |
| **When?** | When / where does the problem occur... |
| **Why?** | Why is it important to address for the customer... |

### 6.3. Worksheet: Il-Ġenerazzjoni tal-Ideat u l-Brainstorming

Il-mod klassiku kif jinħolqu l-ideat huwa l-brainstorming. Il-brainstorming jiġi applikat fil-fażi tal-ħolqien tal-idea f'varjetà ta' modi. Primarjament jikkonċerna l-ġenerazzjoni ta' kemm jista' jkun ideat possibbli (ideation) qabel ma dawn jiġu mqassma, ikkombinati, jew mitfugħin fi gruppi. Is-selezzjoni tal-ideat preferuti normalment isseħħ f'qafas ta' evalwazzjoni u vot mit-tim. Għal dan il-għan, għodda bħal dot voting jistgħu jintużaw:

Dot voting: sabiex tittieħed deċiżjoni ċara fuq x'għażliet għandhom jiġu segwiti fil-forma ta' ideat jew kunċetti. Din hija utli biex jittieħdu deċiżjonijiet konġunti bħala tim u biex tiġi limitata s-selezzjoni permezz ta' simplifikazzjoni u prijoritizzazzjoni. L-idea hi li t-tim jiġbor kemm jista' jkun soluzzjonijiet possibbli, jiktibhom fuq post-its fuq ħajt u mbagħad jivvota għall-iktar soluzzjoni adegwata billi jpinġi dot fuq il-post-its.

Ftakar li sessjonijiet tajbin ta' brainstorming għandhom jissimulaw il-kreattività u jippermettu lill-parteċipanti biex jikkontribwixxu l-ideat tagħhom, bla ebda kunsiderazzjoni għal-livell tagħhom fil-ġerarkija.

Qabel il-ħolqien tal-ideat, brainstorming ħafna drabi jintuża bħala "brain dump" sabiex kulħadd fit-tim ikollu ċans li jgħarraf lill-oħrajn fuq l-ideat u s-soluzzjonijiet tagħhom. Din il-proċedura tgħin biex in-nies ikunu jistgħu jesprimu dak li għandhom fuq moħħhom. F'sessjoni ta' brainstorming aktar tard, tista' tiffoka fuq id-dikjarazzjoni ta' problema jew inkarigu rispettiv.

Żomm f'moħħok dawn ir-regoli ta' brainstorming:

#1 Kunfidenza kreattiva #2 Kwantità qabel kwalità #3 Ivviżwalizza l-ideat #4 Użża l-mossi #5 Ibni fuq l-ideat ta' oħrajn #6 Persuna waħda biss titkellem f'daqqa #7 M'hemmx preġudizzji #8 Kompli bil-brainstorming #9 Falli sikwit u mill-bidu

Tista' ssegwi t-template li ġejja meta tkun qed torganizza s-sessjoni ta' brainstorming:

| **Sessjoni ta' brainstorming** | **Poġġi l-ideat misjuba fi cluster** | **Is-sejbiet u l-passi li jmiss** |
|---|---|---|
| "Kif nistgħu…" | | |

## 8. SOMMARJU/KONKLUŻJONIJIET

Biex nikkonkludu, dan il-modulu jimmira li juri approċċ speċifiku biex jiġu solvuti problemi għaż-żgħażagħ li jissejjaħ l-iddisinjar tal-ħsieb. Dan l-approċċ għandu l-karatteristika li jaħdem minn punto di vista miftuħa u komprensiva, fejn il-bniedem ikun iċ-ċentru. Meta jiġi użat l-iddisinjar tal-ħsieb maż-żgħażagħ, il-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ huma mistiedna li jibdew minn fehim profond ta' kull persuna żagħżugħa u s-sitwazzjoni tagħha. Dan ikun segwit minn proċess ta' formazzjoni ta' definizzjonijiet sabiex imbagħad tkompli l-ħidma fuq il-proċess kreattiv tal-ħolqien tal-ideat ta' soluzzjoni possibbli għal kwalunkwe problema. Finalment, il-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ imbagħad jippruvaw is-soluzzjoni possibbli u jittestjawha biex jaraw jekk taħdimx, jew jekk jerġgħux jieħdu pass lura u jerġgħu jevalwax il-problema mill-ġdid.

Dawn il-passi jridu jsiru b'mod attiv u kreattiv, u huwa għala l-worksheets huma inklużi f'dan il-modulu. Sabiex jiġi segwit l-approċċ tal-iddisinjar tal-ħsieb, il-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ iridu jiżguraw li jagħżlu attivitajiet u dinamiċi li jagħmlu sens għall-akkwist tal-għanijiet f'kull pass. Hawn nistgħu nsibu xi eżempji biex jiġu segwiti, iżda l-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ huma mistiedna li jutilizzaw ir-referenzi u jfittxu għal aktar eżerċizzji biex jimplimentaw il-metodoloġija tal-iddisinjar tal-ħsieb.

Huwa importanti li nfittxu modijiet ġodda kif naffaċċjaw il-kunflitt f'dawn l-iżminijiet ta' bidla, speċjalment fejn jidħlu kunflitti li ilhom għaddejin għal żmien twil u fejn ma jidhirx li hemm soluzzjoni. Huwa għalhekk li l-iddisinjar tal-ħsieb sar popolari f'dawn l-aħħar snin, kemm fuq livell istituzzjonali u governattiv. Il-kreattività hija għodda li m'għandiex tiġi sottovalutata fir-rigward ta' soluzzjonijiet possibbli għal kunflitti kumpless, għaldaqstant l-istedina tagħna hija għal dawk li jaħdmu maż-żgħażagħ u kull persuna li tixtieq tuża din il-metodoloġija minn punt ta' tluq miftuħ, empatiku, u kreattiv.

# 9. REFERENZI

Dam, R. F., & Siang, T. Y. (2023, November 13). *Stage 2 in the design thinking process: Define the problem and interpret the results*. The Interaction Design Foundation. https://www.interaction-design.org/literature/article/stage-2-in-the-design-thinking-process-define-the-problem-and-interpret-the-results

*How to write a problem statement for design thinking*. MakeIterate. (n.d.-a). https://makeiterate.com/how-to-write-a-problem-statement-for-design-thinking/

Interaction Design Foundation. (2023, October 13). *What is design thinking? - updated 2023*. The Interaction Design Foundation. https://www.interaction-design.org/literature/topics/design-thinking

Lewis, J. M., McGann, M., & Blomkamp, E. (2020). When design meets power: Design thinking, public sector innovation and the politics of policymaking. *Policy & Politics*, *48*(1), 111–130. https://doi.org/10.1332/030557319x15579230420081

Lewrick, M., Link, P., Leifer, L. J., & Schmidt, A. (2020). *The Design Thinking Toolbox: A Guide to mastering the most popular and valuable innovation methods*. John Wiley & Sons, Inc.

*The Stanford Design Thinking process*. MakeIterate. (n.d.-b). https://makeiterate.com/the-stanford-design-thinking-process/

*What is youth work*. NYA. (n.d.). https://www.nya.org.uk/what-is-youth-work/

*What we do: Empowering young people*. Shift Your Mindset. (n.d.). https://www.shiftingyourmindset.co.uk/empowering-young-people